

32001D0405

L 142/10

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

29.5.2001

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI****ta' l-4 ta' Mejju 2001****li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti ta' l-eko-tikketta Komunitarja għall-prodotti tal-karta fina**

(notifikata taħt id-dokument numru C(2001) 1175)

(2001/405/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 <sup>(1)</sup> dwar skema riveduta ta' għoti ta' l-eko-tikketta Komunitarja, u partikolarment l-Artikoli 3, 4 u 6 tagħha,

Billi:

- (1) l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jipprovdi li l-eko-tikketta tista' tkun ippremjata għal prodott li jippossjedi karatteristiċi li jippermettu li ssir kontribuzzjoni sinifikattiva għall-iżviluppi relatati ma' l-aspetti ambjentali ewlenija.
- (2) l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jipprovdi li l-kriterji għall-ittikkettjar ekoloġiku speċifiku għandhom ikunu stabbiliti skond il-grupp ta' prodott.
- (3) l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jipprovdi li r-reviżjoni tal-kriterji għall-ittikkettjar ekoloġiku kif ukoll dik tal-istima u t-talbiet ta' verifikazzjoni relatati mal-kriterji għandhom isiru fil-ħin qabel it-tmiem tal-perjodu ta' validità tal-kriterji speċifikati għal kull grupp ta' prodott u għandha tirriżulta fi proposta għall-estensjoni, irtirar jew reviżjoni.
- (4) Bid-Deċiżjoni 98/94/KE <sup>(2)</sup>, il-Kummissjoni stabbiliet kriterji ekoloġiċi għall-għoti ta' l-eko-tikketta Komunitarja għall-prodotti tal-karti fini, li, bi qbil ma' l-Artikolu 3 tagħha, kif modifikat mid-Deċiżjoni 2000/413/KE <sup>(3)</sup>, tintemm fil-31 ta' Diċembru 2001.
- (5) Huwa xieraq li tiġi eżaminata d-definizzjoni tal-grupp ta' prodott u l-kriterji ekoloġiċi li kienu stabbiliti mid-Deċiżjoni 98/94/KE sabiex jiġu kkunsidrati l-iżviluppi fis-suq.

- (6) Huwa xieraq li tiġi adottata Deċiżjoni tal-Kummissjoni ġdida li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi speċifikati għal dan il-grupp ta' prodott, li għandha tibqa' valida għal perjodu ta' ħames snin.
- (7) Huwa xieraq li, għal perjodu limitat ta' mhux iktar minn 12-il xahar, kemm il-kriterji ġodda stabbiliti b'din id-Deċiżjoni u l-kriterji diġà stabbiliti bid-Deċiżjoni 98/94/KE jibqgħu validi fl-istess ħin bil-ħsieb li jippermettu li jingħata żmien suffiċjenti għal kumpaniji li kienu ppremjati t-tikketta ekoloġika għall-prodotti tagħhom qabel l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni ġdida, jadattaw dawn il-prodotti tagħhom in konformità mal-kriterji l-ġodda.
- (8) Dawn il-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni ġew żviluppjati u adottati taħt il-proċeduri għat-twaqqif tal-kriterji għall-ittikkettjar ekoloġiku mneżżlin fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000.
- (9) Il-miżuri mwaqqfa f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-kumitat stabbilit taħt l-Artikolu 17 tar-regolament (KE) Nru 1980/2000,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-grupp ta' prodott "prodotti ta' karti fina" (minn hawn "il qud-diem imsejjaħ bħala" il-grupp ta' prodott) għandha tfigher:

Folji u rollijiet tal-karti fini għall-użu ta' l-iġjene personali, assorbazzjoni ta' likwidi u/jew tindif ta' wċuħ mill-ħmieġ. Il-prodott tal-karta fina normalment jikkonsisti minn karta *creped* jew karta abbozzata f'barma waħda jew aktar. Il-kontenut tal-fibri tal-prodott għandu jkun ta' l-inqas 90 %. Prodotti tal-karta laminati mqassma fi strati u karti li bihom timsaħ u tixxota huma esk-lużi mill-grupp ta' prodott.

<sup>(1)</sup> ĠU L 237, tal-21.9.2000, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU L 19, ta' l-24.1.1998, p. 77.<sup>(3)</sup> ĠU L 155, tat-28.6.2000, p. 63.

*Artikolu 2*

Il-ħidma ambjentali tal-grupp ta' prodotti kif imfisser fl-Artikolu 1 għandha tkun stmata b'referenza għall-kriterji speċifiċi ekoloġiċi stabbiliti fl-Anness.

*Artikolu 3*

It-tifsira ta' grupp ta' prodotti u l-kriterji għall-grupp ta' prodotti għandha tkun valida għal ħames snin mid-data li fiha din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ.

Il-perjodu ta' validità tad-definizzjoni ta' grupp ta' prodotti u l-kriterji stabbiliti bid-Deċiżjoni 98/94/KE, kif modifikat bid-Deċiżjoni 2000/413/KE, għandu jitwal sabiex jintemm 12-il xahar wara d-data li fiha din id-Deċiżjoni tkun daħlet fis-seħħ.

*Artikolu 4*

Għal għanijiet amministrattivi n-numru ta' kodiċi assenjat għall-grupp ta' prodotti għandu jkun "004".

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-4 ta' Mejju 2001.

*Għall-Kummissjoni*

Margot WALLSTRÖM

*Membri tal-Kummissjoni*

## L-ANNESS

## QAFAS

Sabiex prodott kif imfisser fl-Artikolu 1 jikkwalifika għat-ticketta ekoloġika, għandu jikkonforma mal-kriterji ta' dan l-Anness, billi jsiru t-testijiet fuq l-applikazzjoni kif indikati fil-kriterji u l-appendiċi tekniċi. Fejn xieraq, metodi oħra ta' test jistgħu jintużaw jekk l-ekwivalenza tagħhom hija aċċettata mill-Korp Kompetenti li jassessja l-applikazzjoni (per eżempju jekk l-ekwivalenza hija stabbiltà b'kurva tal-kalibrazzjoni b'sinjifikat ta' 95 %). Fejn l-ebda testijiet ma huma msemmija, jew huma msemmija għall-għan li ser ikunu għall-użu ta' verifikazzjoni jew għal kontroll, Korpi Kompetenti għandhom jafdaw kif xieraq fuq id-dikjarazzjonijiet u d-dokumentazzjoni provduti mill-applikant u/jew fuq verifikazzjonijiet indipendenti.

Il-Korpi Kompetenti huma rrakkommandati sabiex jikkunsidraw l-implimentazzjoni ta' skemi ta' tmexxija ambjentali rikonossuti, bħall-iskema ta' mmaniġġjar u verifika ta' l-ambjent (EMAS) jew ISO 14001, meta jagħmlu stima ta' l-applikazzjonijiet u jikkontrollaw l-konformità mall-kriterji f'dan l-Anness (Nota: mhux mitlub illi jiġu implimentati dawn l-iskemi ta' tmexxija.)

Dawn il-kriterji jimmiraw partikolarment illi jippromwovu:

- t-tnaqqis ta' skargar ta' sustanzi perikolużi jew inkella sustanzi ta' tniġġis fl-ilmijiet,
- t-tnaqqis ta' ħsara jew riskji ambjentali relatati mal-konverżjoni u l-użu ta' enerġija (sħana globali, aċidifikazzjoni, il-qerda ta' riżorsi li ma jergħux jiġġeddu) billi jitnaqqas l-konsum ta' l-enerġija u emmissjonijiet ta' l-arja relatati,
- l-impenn għall-bżonn sabiex japplikaw prinċipji ta' tmexxija tajba bil-ħsieb li jiġu mħarsa l-foresti,
- n-nuqqas ta' riskji għas-saħħa umana, ħsara jew riskji ambjentali relatati ma' l-użu ta' kimiċi perikolużi,
- n-nuqqas u l-użu effiċjenti ta' l-iskart.

Il-kriterji huma stabbiliti fl-livelli li jippromwovu l-ittikkettjar ta' karta fina li tiġi prodotta b'impatt ambjentali baxx.

## KRITERJI EKOLOĠIĊI

## 1. EMISSJONIJET GĦALL-ILMA U L-ARJA

- (i) Il-ħidma li tinteressa l-parametri COD, AOX, CO<sub>2</sub> fossili u SO<sub>2</sub> għandhom ikunu espressi f'forma ta' punti, li tindika valur ta' referenza (msemmija bħala "ko effiċjenti" għal kull parametru).

L-emmissjonijiet totali għall-ilma u l-arja li jirrelataw mal-prodott tal-karta għandhom ikunu kkalkulati bħala s-somma ta' l-emmissjonijiet mill-polpa u l-istadji tal-produzzjoni tal-karta fina.

Tabella 1

Ko effiċjenti u ostakoli għall-parametri ta' emmissjoni

	Ko effiċjenti, (C), kg/ADT <sup>(1)</sup> karta fina	Ostakoli, (H), kg/ADT <sup>(1)</sup> karta fina
1. Organiċi ta' l-ilma, COD	C1 = 15	H1 = 40
2. Organiċi klorinati, AOX	C2 = 0,2	H2 = 0,5
3. Dijossidu tal-karbonju, CO <sub>2</sub> fossili	C3 = 1 500	H3 = 3 750
4. Ossidi ta' kubrit, bħala S	C4 = 1,0	H4 = 2,5

<sup>(1)</sup> ADT = tunnellata niexfa t'arja.

- (ii) Il-punti L, huma kkalkulati kif jidher fil-formola 1. Għal kull parametru l-valur attwali ta' l-emmissjonijiet għandu jkun diviż bejn il-ko effiċjenti li jikkorrispondu għal dan il-parametru.

$$L_i = (\text{emmissjoni ta' parametru } i) / C_i \text{ (formola 1)}$$

- (iii) Is-"somma totali tal-punti", P, hija kkalkulata skond l-ekwazzjoni 2 biż-żieda tal-punti għal kull parametru.

$$P = L_1 + L_2 + L_3 + L_4 \text{ (formola 2)}$$

- (iv) Jekk kull emmissjoni tal-parametri COD, AOX, CO<sub>2</sub>, fossili u SO<sub>2</sub> għal prodott taqbeż il-valuri deskritti bħala "ostakoli" ftabella 1, il-prodott m'għandux jikkwalifika għall-ittikkettjar ekoloġiku.
- (v) Sabiex tottjeni l-eko-tikketta, is-somma ta' punti totali (P) għall-prodott m'għandhiex taqbeż erba' punti.

L-ammont ta' AOX (bħala Cl) skarigati minn kull post ta' manifattura tal-polpa m'għandux jaqbeż 0,50 kg għal kull tunnellata ta' polpa li tixxotta bl-arja.

Meta tiżjin huwa inkorporat fil-prodott finali, l-emmissjonijiet relatati għall-produzzjoni tagħhom, kemm fuq il-post jew 'il barra mill-post, għandhom ikunu inklużi fil-kalkolazzjoni tal-punti.

Data fuq l-użu ta' ilma kull tunnellata ta' polpa u karta prodotti fil-proċess ta' produzzjoni ta' polpa u karta fina għandha tkun reġistrata (Nota: id-data hija neċessarja sabiex tevalwa l-kalkolazzjonijiet taċ-ċirkolazzjoni tal-ħmieġ u konċentrazzjonijiet).

Komposti ta' kubrit: L-emmissjonijiet relatati mal-produzzjoni ta' elettriċità m'għandhomx bżonn ikunu stmati.

Dijossidu tal-karbonju: li jiġu minn sorsi ta' enerġija tal-fossili u mill-produzzjoni ta' elettriċità (kemm fuq il-post jew 'il barra mill-post), kull tunnellata ta' karta prodotta.

## 2. L-UŻU TA' ENERĠIJA

Il-konsum totali ta' elettriċità li tirrelata mal-prodott tal-karta fina għandu jiġi kkalkulat bħala s-somma ta' l-eletricità użata fil-polpa u l-istadji ta' produzzjoni tal-karta fina u m'għandux jaqbeż:

— 11 G joule (3 000 kWh) elettriċità kull tunnellata ta' karta prodotta.

L-applikant għandu jikkalkula l-ammont kollu ta' elettriċità użata matul il-produzzjoni tal-polpa u l-karta fina, inkluża l-eletricità użata fit-tneħħija tal-linka ta' karti qodma għar-rimi li jintużaw għall-produzzjoni tal-karta reċiklata.

Eletricità tisser l-eletricità kollha impurtata li tiġi mill-konnessjonijiet tad-distribuzzjoni u elettriċità ġenerata internament u li hi meqjusa bħala enerġija elettrika. Eletricità użata għal trattament ta' skart ta' l-ilma u t-tindif ta' l-arja m'għandux bżonn jiġi inkluż.

## 3. FIBRI -TMEXXIJA SOSTENIBBLI TAL-FORESTA

Il-fibri jistgħu jkunu fibri ta' l-injam, fibri reċiklati <sup>(1)</sup> jew fibri mhux ta' l-injam.

Fil-każ ta' fibri ta' l-injam verġni mill-foresti, l-operaturi responsabbli mill-immaniġġjar tas-sorsi li minnhom joriġinaw il-fibri għandhom jimplimentaw prinċipji u miżuri bl-għan li jiżguraw tmexxija sostenibbli tal-foresta. Dikjarazzjoni, dokument, kodiċi ta' kondotta, ċertifikat jew stqarrija għal dan l-effett minn dawn l-operaturi u/jew mill-imprietarji tal-polpa għandhom ikunu preżentati.

Fl-Ewropa, il-prinċipji u l-miżuri msemmija hawn fuq għandhom jikkorrispondu mal-linji ta' gwida ta' livelli operazzjonali Pan-Ewropej għall-immaniġġjar sostenibbli tal-foresti, hekk kif iffirmati fil-Konferenza Ministerjali ta' Lisbona dwar il-Protezzjoni tal-foresti fl-Ewropa (2 sa 4 Ġunju 1998). 'Il barra mill-Ewropa huma għandhom jikkorrispondu mall-Prinċipji Forestali tal-Konferenza għall-Iżvilupp Ambjentali tan-Nazzjonijiet Uniti (UNCED) (Rio de Janeiro, Ġunju 1992) u, fejn xieraq, mal-kriterji jew linji ta' gwida għall-immaniġġjar sostenibbli tal-foresta hekk kif ġew adottati taħt l-inizjattivi rispettivi internazzjonali u reġjonali (ITTO, Proċess ta' Montreal, Proċess ta' Tarapoto, UNEP/FAO Inizjattiva Afrikana ta' Żona Xotta).

## 4. SUSTANZI KIMIĊI PERIKOLUŻI

Ibblċjar: Gass tal-klorin m'għandux ikun użat bħala aġent ta' l-ibblċjar. Din it-talba ma tapplikax għall-gass tal-klorin relatat mall-produzzjoni u l-użu ta' dijossidu ta' klorin. (Nota: waqt li din it-talba tapplika wkoll għall-ibblċjar ta' fibri reċiklati, huwa aċċettat li dawn il-fibri kienu bblċjati bil-gass tal-klorin waqt iċ-ċiklu tal-ħajja ta' qabel tagħhom.)

It-tneħħija tal-linka: *Alkylphenoethoxylates* (APEOs) jew derivati oħra mill-*alkylphenol* m'għandhomx ikunu miżjuda f'kimiċi tat-tneħħija tal-linka. Derivati minn *alkylphenol* huma definiti bħala sustanzi li huma degradati għal *alkylphenols*.

Għajna sabiex tiżjed ir-reżistenza kontra l-umdità: Għajna sabiex tiżjed ir-reżistenza kontra l-umdità m'għandux ikollha iktar minn 1,0 ta' sustanzi kloro-organiċi, meta tiġi applikata mal-kontenut niexef, illi setgħet ġiet assenjata jew tista' tkun assenjata xi frażzjiet ta' riskju R45 (li jista' jikkawża l-kankru), R46 (li jista' jikkawża ħsara ġenetika li tintiret), R50/53 (li hi tossika ħafna għal organiżmi akwatiċi, u tista' tikkawża effetti ħżiena fit-tul fl-ambjent akwatiċi), R60 (li tista' taffetwa l-fertilità) jew R61 (li tista' tikkawża ħsara lit-tarbija li għadha trid titwieled) kif mfisser fid-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE <sup>(2)</sup>, hekk kif ġiet emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/33/KE <sup>(3)</sup>. Eżempji ta' ċerti sustanzi kloro-organiċi huma *epichlorohydrin* (ECH), 1,3-*dichloro-2-propanol* (DCP) u 3 *monochloro-1,2-propanediol* (MCPD).

<sup>(1)</sup> Fibri reċiklati huma mfissra bħala fibri miġbura minn prodotti tal-karta wara l-konsum jew mill-iskart tal-karta mill-istadji ta' konverżjoni skond il-gradni definiti fil-lista Ewropea ta' gradi ta' standard ta' karta u bord irkuprati, (CEPI, Frar 1999). L-iskart tal-produzzjoni mill-imprietarji tal-karta mhux mfissra bħala fibri reċiklati.

<sup>(2)</sup> ĠU L 196, tas-16.8.1967, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 136, tat-8.6.2000, p. 90.

## 5. MANIĠĠJAR TA' L-ISKART

Il-produtturi kollha tal-polpa, tal-karta u tal-prodotti ta' karta fina ikkonvertita għandhom ikollhom sistema għall-imaniġġjar ta' l-iskart <sup>(1)</sup> u għall-prodotti li jifdal li jiġu mill-impjanti ta' produzzjoni. Is-sistema għandha tkun dokumentata jew spjegata fl-applikazzjoni u għandha tinkludi ta' l-inqas il-punti li ġejjin:

- proċeduri għas-separazzjoni u l-użu ta' materjali li jiġu reċiklati mil-linja ta' l-iskart,
- proċeduri għall-ġbir ta' materjali għal użi oħra, bħal inċinerazzjoni sabiex jiżied il-proċess ta' l-istim, jew għal użu agrikolu,
- proċeduri għall-immaniġġjar ta' skart perikoluż <sup>(1)</sup>.

## 6. SIGURTÀ TAL-PRODOTT

Prodotti magħmula minn fibri reċiklati jew minn fibri reċiklati u fibri verġni mħalltin flimkien għandhom jissodisfaw il-ħtiġiet dwar l-iġjene kif ġej:

Il-karta fina m'għandux ikun fiha iktar minn:

<i>Formaldehyde:</i>	1 mg/dm <sup>2</sup> skond il-metodu tat-test EPA 8315A
<i>Glyoxal:</i>	1, 5 mg/dm <sup>2</sup> skond il-metodu tat-test EPA 8315A
PCB:	2 mg/kg skond il-metodu tat-test EPA 8270

Il-prodotti kollha tal-karta fina għandhom jissodisfaw il-ħtiġiet li ġejjin:

Slimicides u sustanzi antimikrobiċi:	L-ebda dewmien fit-tkabbir ta' mikro-organiżmi skond il-metodu tat-test EN 1104
Żebgħa u elementi ottiċi li jdawlu:	L-ebda dmija skond il-metodu tat-test EN 646/648 (livell 4 huwa meħtieġ)
Żebgħa u linka:	Żebgħa u linka użati fil-produzzjoni ta' karta fina m'għandux ikun fihom sustanzi-azo li jistgħu jintrabtu ma' kull amina mniżżla fl-appendiċi tekniku, tabella 3

## TAJJEB GĦALL-UŻU

Il-prodott għandu jkun tajjeb għall-użu.

## INFORMAZZJONI GĦALL-KONSUMATUR

Kaxxa 2 ta' l-eko-tikketta għandha tinkludi t-test li ġej:

- tniġġis baxx ta' l-ilma
- tniġġis baxx ta' l-arja
- emmissjonijiet tal-gass ta' *green house* u użu tad-dawl baxxi.

B'żieda ma' dan, maġenb l-eko-tikketta l-manifattur jista' wkoll jipprovi tagħrif li jindika l-persentaġġ minimu ta' fibri reċiklati.

**Appendiċi tekniku: definizzjonijiet, ħtiġiet għal eżaminar u dokumentazzjoni****Il-parametri ta' emmissjoni kollha**

Il-perjodu għall-miżuri jew bilanċi ta' massa għandhom ikunu bbażati fuq il-produzzjoni matul 12-il xahar. Fil-każ ta' impjant ta' produzzjoni ġdida jew mibnija mill-ġdid, il-miżuri għandhom ikunu bbażati fuq ta' l-inqas 45-il jum sossegwenti l-ħidma stabbli ta' l-impjant. Il-miżuri għandhom ikunu rappreżentattivi taż-żmien li fih ikunu ttieħdu.

Jekk xi prodott huwa magħmul minn kwalitajiet differenti ta' polpa, il-valuri ta' emmissjoni mill-produzzjoni ta' polpa għandhom ikunu ikkalkulati bħall-medja mwieżna tal-polpi kollha użati. L-emmissjonijiet totali għandhom ikunu kkalkulati billi jingħaddu wkoll l-emmissjonijiet mill-produzzjoni ta' polpa flimkien ma' l-emmissjonijiet mill-produzzjoni tal-karta fina.

Laboratorji akkreditati jew istituti ta' l-eżami indipendenti li jsewgu l-istandard EN 45001 għandhom jieħdu l-miżuri.

Il-laboratorju tal-polpa jew il-manifattur tal-karta jistgħu, madankollu, jkunu approvati sabiex janalizzaw l-iskargar jekk waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin tiġi mwettqa:

- l-awtoritajiet regolatorji rilevanti jaċċettaw l-għażla ta' kampjuni rilevanti u miżuri magħmula f'dak il-laboratorju, jew
- il-manifattur għandu sistema ta' kwalità li tinkludi s-sorveljanza ta' kampjuni u ta' l-analiżi u liema sistema hija ċertifikat skond ISO 9001 jew ISO 9002, jew
- huwa laboratorju illi jirrispetta l-prattika t-tajba u jkun ġie approvat uffijalment.

<sup>(1)</sup> Hekk kif imfissra mill-awtoritajiet regolatorji rilevanti tal-polpa u postijiet ta' produzzjoni tal-karta fil-kwistjoni.

Miżuri ta' emissjonijiet ta' l-ilma għandhom jittieħdu fuq kampjuni li mhumiex filtrati u mhumiex issetiljati wara li jsir trattament fil-mitħna jew fuq l-iskargar li jintefa' fid-dranaġġ pubbliku qabel isir it-trattament f'impjant ta' trattament pubbliku. F'dan il-każ ta' l-aħħar il-valur meqjus qabel l-impjant ta' trattament pubbliku għandu jkun imnaqqas b'fattur li jikkorrespondi għat-tnaqqis medju mill-impjant ta' trattament. Il-livelli mkejla fl-ilma li jidħol fil-mitħna jista' jkun imnaqqas mill-emmissjonijiet ġenerati fil-proċess u li jkunu preżenti fl-ilma waqt li jkun hierēg mill-mitħna.

COD għandha titkejjel bi qbil ma' OIS 6060 tieni edizzjoni 1989.

AOX għandha titkejjel bi qbil ma' OIS 9562.

Metodi tat-test oħra jistgħu jkunu aċċettati jekk l-ekwivalenza tagħhom hija aċċettata mill-Korp Komponenti li jassessja l-applikazzjoni (per eżempju jekk l-ekwivalenza hija stabbilita b'kurva ta' kalibrazzjoni f'sinifikat ta' 95 %).

AOX għandha titkejjel fi proċessar fejn komposti ta' klorin huma użati għall-ibbliċjar tal-polpa. Dan ifisser li AOX m'hemmx bżonn titkejjel:

- fil-ħmieġ li joħroġ mill-produzzjoni tal-karta li mhix integrata, jew
- fil-ħmieġ li joħroġ mill-produzzjoni ta' polpa mingħajr ibbliċjar, jew
- meta l-ibbliċjar jitwettag b'sustanzi mingħajr klorin.

#### Ossidi ta' kubrit

L-applikant għandu jipprovdni bilanċ dwar l-emmissjonijiet ta' l-arja ta' komposti ta' kubrit. Dan il-bilanċ għandu jinkludi l-emmissjonijiet kollha, li jsiru matul il-produzzjoni tal-polpa, u tal-karta, barra minn dawk relatati mal-produzzjoni ta' l-elettriċità. Il-miżuri għandhom jinkludu kaldaruni li jiġbru s-sħana, fran ta' ġir, kaldaruni tal-fwar u fran għall-inċinerazzjoni ta' gassijiet ta' riħa qawwija, jekk disponibbli. Emmissjonijiet ta' diffużjoni għandhom ikunu meqjusa wkoll.

#### Dijossidu tal-karbonju

L-applikant għandu jipprovdni bilanċ dwar l-emmissjonijiet ta' l-arja ta' dijossidu tal-karbonju. Dan il-bilanċ għandu jinkludi s-sorsi kollha ta' karburanti li ma jiġġeddux matul il-produzzjoni ta' polpa u karta, li jinkludu l-emmissjonijiet mill-produzzjoni ta' elettriċità tal-grilja. Il-fatturi ta' l-emmissjoni minn tabella 2 għandha tintuża fil-kalkulazzjoni tal-CO<sub>2</sub>, emmissjonijiet fossili mill-karburanti.

Tabella 2

Ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub>, fossili minn karburanti li ma jiġġeddux

Karburant	CO <sub>2</sub> , fossil emission	Unità
Coal	95	g CO <sub>2</sub> fossili/M
Żejt krud	73	g CO <sub>2</sub> fossili/M
Żejt ta' karburant 1	74	g CO <sub>2</sub> fossili/M
Żejt ta' karburant 2-5	77	g CO <sub>2</sub> fossili/M
Gasolina	69	g CO <sub>2</sub> fossili/M
Gass naturali	56	g CO <sub>2</sub> fossili/M
Elettricità ta' grilja <sup>(1)</sup> emissjoni	400	g CO <sub>2</sub> fossili/M

<sup>(1)</sup> European average.

Għal elettriċità ta' grilja, il-valur kwotat fit-tabella għandu jintuża għall-postijiet kollha ġewwa l-Unjoni Ewropea. Għal postijiet barra mill-Unjoni Ewropea, l-applikant jista' jippreżenta dokumentazzjoni li tistabbilixxi l-valur medju għal min jipprovdni l-elettriċità tagħhom, u juża dan il-valur medju minflok il-valur kwotat fit-tabella.

Maniġġjar ta' foresta Ara kriterju 3.

*Komposti ta' kimiċi perikolużi*

L-applikant għandu jippreżenta dikjarazzjoni mingħand kull min jipprovdi l-polpa li l-gass tal-klorin ma ġiex użat għall-ibbliċjar tal-polpi.

L-applikant għandu jippreżenta dikjarazzjoni mingħand kull min jipprovdi l-polpa li *alkylphenol* jew derivati oħra minn *alkylphenol* illi dawn ma ġewx użati għall-proċess tat-tneħħija tal-linka.

L-applikant għandu jippreżenta lista tal-prodotti użati fil-produzzjoni tal-karta sabiex isaħħu r-reżistenza kontra l-umdità fuq il-prodott finali. Il-lista għandha tinkludi l-isem tal-marka tal-prodott, iż-żona ta' l-użu u l-isem, l-indirizz u n-numru tat-telefon ta' min jipprovdi l-prodott. B'żieda ma' din il-lista, l-applikant għandu jippreżenta dikjarazzjoni tal-kontenut ta' sustanzi kloro-organiċi, bħal (ECH), 1,3- *-2-propanol* (DCP) u 3- *-1,2-propanediol* (MCPD), li huma kklassifikati bħala perikolużi għall-ambjent jew għas-saħħa skond id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE.

Maniġġjar ta' skart Ara kriterju 5

*Sigurtà tal-prodott*

Il-produttur tal-karta fina għandu jipprovdi dokument tar-riżultati ta' l-eżami tal-karta fina lesta li għandhom x'jaqsmu mas-sustanzi li ġejjin: *formaldehyde*, *glyoxal*, PCB, *slimicides*, sustanzi *antimicrobial*, żebgħa u elementi ottiċi li jdawlu.

Tabella 3

Amini msemmija fi kriterju 6

Amini	CAS-No
4-aminoažobenzin	60-09-3
o-anisidine	90-04-0
4-aminodiphenyl	92-67-1
Benzidin	92-87-5
4-chloro-o-toluidine	95-69-2
2-naphthylamine	91-59-8
o-amino-azotoluene	97-56-3
2-amino-4-nitrotoluene	99-55-8
p-kloroanilina	106-47-8
2,4-diaminoanisol	615-05-4
4,4'-diaminodiphenylmethane	101-77-9
3,3'-diklorobenzidin	91-94-1
3,3'-dimethoxybenzidine	119-90-4
3,3'-dimethylbenzidine	119-93-7
3,3'-dimethyl-4,4'-diaminodiphenylmethane	838-88-0
p-cresidine	120-71-8
4,4'-methylene-bis-(2-kloranilin)	101-14-4

Amini	CAS-No
4,4'-oxydianiline	101-80-4
4,4'-thiodianiline	139-65-1
o-toluidine	95-53-4
2,4-diaminotoluene	95-80-7
2,4,5-trimethylaniline	137-17-7
2,4-xylydine	95-68-1
4,6-xylydine	87-62-7

*Tajjeb għall-użu*

L-applikant għandu jipprovdi xhieda sabiex juri li l-prodott huwa tajjeb għall-użu. Din ix-xhieda tista' tinkludi data minn metodi ta' ttestjar xierqa ISO jew CEN, imma tista' tinkludi proċeduri nazzjonali jew interni wkoll. Dettalji tal-proċeduri tat-test għandhom ikunu pprovvduti ma' l-applikazzjoni.

---